KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI
ppreżentati fl-14 ta' Jannar 2010[1]

I — Introduzzjoni

1. B'digriet tat-30 ta' April 2008, il-House of Lords (ir-Renju Unit) ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 234 KE, talba għal deċiżjoni preliminari li tirrigwarda l-interpretazzjoni tar- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan [2] (iktar 'il quddiem "ir-Regolament 881/2002" jew "ir-Regolament").

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tiddeċiedi fuq il-portata tal-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament fil-kuntest ta' kawża bejn M, A u MM (iktar 'il quddiem "ir-rikorrenti") kontra Her Majesty's Treasury (Ministeru tat-Teżor Britanniku, iktar 'il quddiem "it-Treasury"), dwar l-applikabbiltà tal-projbizzjonijiet stabbiliti minn din id-dispożizzjoni għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza li jkunu dovuti lill-konjuġi ta' persuna mniżżla fil-lista abbozzata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti skont ir-Riżoluzzjoni 1267 (1999).

II — Il-kuntest ġuridiku ta' referenza

A — *Ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti*

3. Fis-16 ta' Jannar 2002, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (iktar 'il quddiem il-"Kunsill tas-Sigurtà") adotta r-Riżoluzzjoni 1390 (2002) li tistabbilixxi l-miżuri applikabbli mill-Istati fil-konfront ta' Usama bin Laden, ta' membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u tat-Taliban u ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 294.

assoċjati magħhom oħrajn, li jirriżultaw imniżżla fil-lista maħluqa f'konformità mar-riżoluzzjonijiet tal-istess Kunsill ta' Sigurtà Nri 1267 (1999) u 1333 (2000) u aġġornata regolarment mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà (iktar 'il quddiem il-"Kumitat tas-Sanzjonijiet") imwaqqaf bis-saħħa tar-Riżoluzzjoni Nru 1267 (1999).

4. Skont il-paragrafu 2(a) tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), l-Istati kollha għandhom:

"jiffriżaw mingħajr dewmien il-fondi u l-assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħrajn ta' dawn il-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet, inklużi l-fondi ġejjin minn proprjetà fil-pussess jew kontrollata, b'mod dirett jew indirett, minnhom stess jew minn persuni li jaġixxu għalihom jew fuq ordnijiet tagħhom, u jiġi żgurat li la dawk il-fondi u lanqas fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħrajn ma jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, għall-benefiċċju ta' dawn il-persuni, miċ-ċittadini tagħhom jew minn kull persuna oħra li tkun tinsab fit-territorju tagħhom [3]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

5. Fl-20 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill tas-Sigurtà adotta r-Riżoluzzjoni Nru 1452 (2002) li biha ġew awtorizzati derogi speċifiċi, għal finijiet umanitarji, għall-miżuri restrittivi imposti mir-Riżoluzzjoni 1390 (2002).

6. Il-paragrafu 1 tar-Riżoluzzjoni 1452 (2002) jistabbilixxi li l-obbligu li jiġu ffriżati l-fondi ma japplikax, fost l-oħrajn:

"għall-fondi u assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħrajn li ġew individwati mill-Istat jew mill-Istati kkonċernati bħala (a) meħtieġa għall-ispejjeż bażiċi, […] wara notifika lill-kumitat min-naħa tal-Istat jew tal-Istati kkonċernati […] tal-intenzjoni tiegħu li jawtorizza, jekk ikun il-każ, l-aċċess skont il-bżonn għal dawn il-fondi, assi jew riżorsi […]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

B — *Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ewropea*

7. Sabiex tiġi implementata r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà Nru 1390 (2002), fis-27 ta' Mejju 2002, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK dwar miżuri restrittivi fil-konfront ta' Usama bin Laden, membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Taliban u individwi oħrajn, gruppi,

3 — Bħad-dispożizzjonijiet kollha li hemm fir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà f'dawn il-konklużjonijiet, it-traduzzjoni saret mit-test Ingliż ta' dawn ir-riżoluzzjonijiet.

impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u jħassar il-Posizzjonijiet komuni 96/746/PESK, 1999/727/PESK, 2001/154/PESK u 2001/771/PESK [4].

8. Skont l-Artikolu 1 tagħha, il-Pożizzjoni Komuni 2002/402 "tgħodd għal Usama bin Laden, membri ta' l-organizzazzjoni ta' l-Al-Qaida u t-Taliban u individwi oħrajn, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom, kif imsemmi fil-lista konformi" għar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà Numri 1267 (1999) u 1333 (2000). Din tistabbilixxi, fl-Artikolu 3, dan li ġej:

"Il-Komunità Ewropea, taġixxi fil-limiti tal-poteri mogħtija lilha bit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea:

— tordna l-iffriżar tal-fondi u l-assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi ta' l-individwi, gruppi impriżi u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1,

— se tiżgura li l-fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi ma jkunux disponibbli, direttament jew indirettament, għall-benefiċċju ta' l-individwi, gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1."

9. Wara l-Pożizzjoni Komuni 2002/402, fis-27 ta' Mejju 2002, il-Kunsill adotta r-Regolament Nru 881/2002 li, kif jirriżulta mill-premessi tiegħu, partikolarment mill-premessi 1 sa 4, huwa intiż li jimplementa r-Riżoluzzjoni Nru 1390 (2002) għal dak li jirrigwarda t-territorju tal-Komunità.

10. Skont l-Artikolu 1 tiegħu, għall-finijiet tar-Regolament jgħoddu dawn id-definizzjonijiet:

"1) 'fondi' tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ekonomiċi ta' kull tip, li jinkludu imma mhux limitati għal flus kontanti, ċekkijiet, kreditu monetarju, drafts, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' ħlas; depożiti ma' istituzzjoni finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fil-kontijiet, dejn u obbligazzjonijiet ta' dejn; il-kummerċ pubbliku u privat ta' sigurtajiet u strumenti ta' dejn, li jinkludu stokkijiet u ishma, ċertifikati li jippreżentaw sigurtajiet, bonds, noti, ċertifikati, obbligazzjonijiet, kuntratti

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 292.

derivattivi; interessi, dividends jew dħul ieħor jew valur li jakkumula minn jew ġenerat b'assi; kreditu, dritt ta' kumpens, garanziji, garanzija ta' esekuzzjoni jew obbligu finanzjarju ieħor; ittri ta' kreditu, polza ta' kargu, dokumenti ta' bejgħ ta' proprjetà; dokumenti li juru interessi f'fondi jew riżorsi finanzjarji, u kull strument ieħor ta' finanzjament għall-esportazzjoni.

2. L-ebda fond m'għandu jkun disponibbli, direttament jew indirettament, lil, jew għall-benefiċċju ta', persuna naturali jew ġuridika, grupp jew entità nominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness I.

2) 'riżorsi ekonomiċi' tfisser assi ta' kull tip, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi imma li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi.

3. L-ebda riżors ekonomiku m'għandu jkun disponibbli, direttament jew indirettament, lil, jew għall-benefiċċju ta', persuna naturali jew ġuridika, grupp jew entità nominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness I, biex dik il-persuna, dak il-grupp jew dik l-entità tkun tista' tikseb fondi, merkanzija jew servizzi."

[…]."

12. L-Artikolu 8 tar-Regolament jgħid dan:

11. L-Artikolu 2 tar-Regolament jgħid hekk:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma ta', jew fil-pusses ta', persuna naturali jew ġuridika jew entità nominata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness I għandhom jiġu ffriżati.

"Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinformaw immedjatament lil xulxin dwar il-miżuri li jittieħdu skond dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni rilevanti fil-pussess tagħhom b'konnessjoni ma' dan ir-Regolament […]."

13. l-Artikolu 10(1) tar-Regolament jipprovdu li:

"Kull Stat M embru għandu jistabbilixxi s-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti meta jinkisru d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Sanzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu effettivi, proprozjonati u dissważivi […]."

14. L-Anness I tar-Regolament fih il-"[l]ista ta' persuni, gruppi u entitajiet" imniżżla fl-Artikolu 2.

15. Fis-27 ta' Frar 2003 l-Kunsill adotta l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa għall-implementazzjoni ta' derogi għall-finijiet umanitarji stabbiliti bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1452 (2002) imsemmija fil-punt 5 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiġifieri l-Pożizzjoni Komuni 2003/140/PESK, dwar derogi għall-miżuri restrittivi imposti bil-Pożizzjoni Komuni 2002/402 [5] u bir-Regolament (KE) Nru 561/2003 li jemenda, għal dak li għandu x'jaqsam mal-eċċezzjonijiet għall-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, ir-Regolament Nru 881/2002 [6].

16. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 561/2003 jdaħħal fir-Regolament 881/2002 Artikolu 2a ġdid, li l-paragrafi (1) u (2) jgħidu hekk:

"1. L-Artikolu 2 mhux se japplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi fejn:

a) xi awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri, kif imniżżla fl-Anness II, iddeterminat, fuq talba magħmula minn persuna naturali jew legali konċernata, li dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi huma:

i) neċessarji biex ikunu koperti spejjeż bażiċi, inkluż il-ħlas ta' oġġetti ta' l-ikel, kera jew ħlas lura ta' self ipotekarju, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums ta' l-assigurazzjoni, u l-ispejjeż għas-servizzi pubbliċi;

ii) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' miżati xierqa professjonali u għar-rimbors ta' spejjeż li saru għad-dsiposizzjoni ta' servizzi legali;

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 2, p. 80
6 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 2, p. 91.

iii) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' miżati jew ta' servizzi biex jibqgħu jinżammu l-fondi ffriżati u r-riżorsi ekonomiċi ffriżati;

L-awtorità kompetenti elenkata fl-Anness II għandha tinnotifika mill-ewwel bil-miktub kemm lill-persuna li għamlet it-talba, kif ukoll lil kull persuna, korp jew entità magħrufa li huma direttament konċernati, jekk it-talba ntlaqgħetx."

iv) neċessarji għal spejjeż straordinarji; u

b) determinazzjoni bħal din ġiet innotifikata lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet; u

C — Ir-regoli tad-dritt nazzjonali rilevanti

c) i) fil-każ ta' determinazzjoni taħt punt (a)(i), (ii) jew (iii), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma oġġezzjonax għad-determinazzjoni fi żmien 48 siegħa min-notifikazzjoni; jew

17. Fid-dawl tad-digriet tar-rinviju u tal-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet f'din il-kawża, il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tista' tiġi spjegata b'dan il-mod.

ii) fil-każ ta' determinazzjoni taħt punt (a)(iv), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet approva d-determinazzjoni.

2. Kull persuna li tixtieq tibbenefika mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tindirizza t-talba tagħha lill-awtorità kompetenti rilevanti ta' l-Istat Membru kif imniżżel fl-Anness II.

18. Ir-Renju Unit ittraspona r-Riżoluzzjonijiet 1390 (2002) u 1452 (2002) tal-Kunsill tas-Sigurtà, kif ukoll implementa r-Regolament Nru 881/2002 fl-ordinament tiegħu b'Al-Qa'ida and Taliban (United Nations Measures) Order 2002[7] (iktar 'il quddiem id-Digriet tal-2002). Dan id-digriet ġie emendat b'Al-Qa'ida and Taliban (United

7 — SI 2002 No. 111

Nations Measures) Order 2006 [8] (iktar 'il quddiem id-Digriet tal-2006), li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Novembru 2006, li — kif jirriżulta min-Nota ta' spjegazzjoni annessa miegħu, huwa intiż li jimplementa, fost l-oħrajn, ir-Regolament Nru 561/2003 [9].

19. L-Artikolu 7 tad-Digriet tal-2002, bl-isem "Fondi għad-dispożizzjoni ta' Usama Bin Laden u l-assoċjati tiegħu", jgħid hekk:

"Kull min, mingħajr ma jkun kiseb l-awtorizzazzjoni mit-Treasury skont dan l-artikolu, iqiegħed fondi għad-dispożizzjoni ta' jew għall-benefiċċju ta' persuna fil-lista jew ta' persuna li taġixxi f'isem persuna mniżżla fil-lista jkun ħati ta' reat taħt dan id-digriet" [10]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

20. Bis-saħħa tal-Artikolu 20(1) tad-Digriet tal-2002 bl-isem "Pieni u proċeduri", kull min jikser din id-dispożizzjoni huwa suġġett għall-multa u/jew piena ta' priġunerija sa massimu ta' 7 snin.

8 — SI 2006 No. 2952

9 — Skont l-osservazzjonijiet tar-Renju Unit, il-partijiet fil-kawża prinċipali jaqblu bejniethom li l-emenda tal-2006 ma fiha l-ebda konsegwenza ta' importanza għal dak li jirrigwarda dan il-każ partikolari.

10 — It-traduzzjoni saret minni. It-test Ingliż jgħid: "Any person who, except under the authority of a licence granted by the Treasury under this article, makes any funds available to or for the benefit of a listed person or any person acting on behalf of a listed person is guilty of an offence under this Order".

21. L-Artikolu 8 tad-Digriet tal-2006 li, mis-16 ta' Novembru 2006, issostitwixxa l-Artikolu 7 tad-Digriet tal-2002, jgħid hekk:

"1. Huwa pprojbit li jitpoġġew, direttament jew indirettament, fondi jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta', jew għall-benefiċċju ta' persuna indikata fl-Artikolu 7(2) mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 11.

2. Kull min jikser il-projbizzjoni fil-paragrafu (1) jikkommetti reat.

[...].[traduzzjoni mhux uffiċjali]"

22. L-Artikolu 11 tad-Digriet tal-2006, bl-isem "Awtorizzazzjonijiet", jgħid li:

"1. It-Treasury jista' jagħti awtorizzazzjoni biex jiġu eżentati l-atti speċifikati fiha mill-projbizzjonijiet fl-Artikolu 7(1) jew fl-Artikolu 8(1).

(2) Awtorizzazzjoni tista' tkun

(a) ġenerali jew mogħtija lil kategorija ta' persuni jew lil persuna partikolari;

(b) suġġetta għal kundizzjonijiet;

(c) għal perijodu determinat jew indeterminat.

(3) It-Treasury jista' jimmodifika jew jirrevoka l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe mument.

(4) Meta jagħti, jemenda jew jirrevoka awtorizzazzjoni, it-Treasury għandu:

(a) meta l-awtorizzazzjoni tingħata lil persuna partikolari, javża lil dik il-persuna, bil-miktub, bl-għoti, tal-emenda jew tar-revoka, u

(b) fil-każ ta' awtorizzazzjoni ta' natura ġenerali jew mogħtija lil kategorija ta' persuni, jieħu l-miżuri li jidhrulu xierqa biex l-għoti, l-emenda jew ir-revoka jsiru pubbliċi.

(5) Kull min, biex jikseb awtorizzazzjoni, bi ħsieb jew b'negliġenza jagħmel dikjarazzjoni, jew jippreżenta dokumenti jew informazzjoni li huma foloz fuq punt rilevanti, jikkommetti reat.

(6) Kull min jaġixxi abbażi ta' awtorizzazzjoni mingħajr ma jkun osserva l-kundizzjonijiet stabbilita fiha jikkommetti reat.[traduzzjoni mhux uffiċjali]"

23. L-Artikolu 20(3) tal-Digriet tal-2006 jistabbilixxi li, fil-każijiet fejn awtorizzazzjoni mogħtija mit-Treasury skont l-Artikolu 7 tal-Digriet tal-2002 ikun ġie fis-seħħ minnufih qabel id-dħul fis-seħħ tal-Digriet tal-2006, dik l-awtorizzazzjoni tkompli tapplika bħallikieku ngħatat skont l-Artikolu 11 tad-Digriet tal-2006.

III — Il-fatti, id-domanda preliminari u l-iżvolġiment tal-kawża

24. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li jirrisjedu fir-Renju Unit, jgħixu mal-konjuġi tagħhom u ma' uliedhom minorenni. Il-konjuġi tar-rikorrenti jissemmew bħala persuni fiżiċi fil-lista fl-Anness I tar-Regolament.

25. Mill-osservazzjonijiet tal-Gvern tar-Renju Unit jirriżulta li r-raġel ta' waħda mir-rikorrenti jirċievi mill-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż allowance ta' diżabbiltà li bħalissa qed titħallas f'kont bankarju li qiegħed f'isem il-mara, filwaqt li l-irġiel tar-rikorrenti l-oħra ma jirċievu l-ebda benefiċċju ta' sigurtà soċjali u/jew assistenza. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li, mil-lat ekonomiku, dawn il-persuni jiddependu għal kollox fuq il-konjuġi tagħhom, jiġifieri tar-rikorrenti, li jieħdu ħsieb jipprovdu l-bżonnijiet essenzjali tal-familja.

26. Minħabba s-sitwazzjoni personali tagħhom, ir-rikorrenti għandhom dritt li jirċievu, mingħand il-korpi amministrattivi kompetenti tar-Renju Unit (HM Revenue and Customs u s-Secretary of State for Work and Pensions), sensiela ta' benefiċċji speċjali ta' natura mhux kontributorja (sussidji addizzjonali, allowances ta' sussistenza għad-diżabbiltà, allowances tal-familja, allowances għal akkomodazzjoni, benefiċċju ta' kumpens għat-taxxa lokali) fl-ammont ta' xi mijiet ta' sterlini fil-ġimgħa.

27. F'Lulju 2006 t-Treasury, konvenut fis-sentenza prinċipali, wara li kien ikkunsidra li s-somom imħallsin lir-rikorrenti setgħu jintużaw biex ikopru l-ispejjeż bażiċi tal-familja, li minnha tagħmel parti persuna li hija mniżżla fil-lista tal-anness tar-Regolament, u għalhekk billi kkunsidra li dawk is-somom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala allokati "għall-benefiċċju ta'" dawn tal-aħħar skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament, kif ukoll tal-Artikolu 7 tal-Digriet tal-2002, iddeċieda li jissuġġetta, fil-futur, il-ħlas tal-benefiċċji dovuti lir-rikorrenti għall-għoti ta' awtorizzazzjoni lill-korpi amministrattivi li jagħmlu l-ħruġ, b'tul ta' żmien indeterminat.

28. Din l-awtorizzazzjoni hija akkumpanjata minn xi kundizzjonijiet, li jkunu differenti skont il-każ, intiżi biex jippermettu lir-rikorrenti li jiġbdu, mill-kont bankarju li fih jitħallsu s-sussidji, dak li jkun neċessarju biex jissodisfa l-bżonnijiet essenzjali tal-familja tagħhom. B'mod partikolari, l-awtorizzazzjoni timponi limiti fuq kemm jistgħu jittieħdu flus kontanti u l-użu ta' karta ta' debitu għax-xiri, kif ukoll l-obbligu li jintbagħtu lit-Treasury, b'skadenzi ta' kull xahar, l-irċevuti tal-ispejjeż li jkunu saru, biex tkun tista' ssir l-verifika li dawn ma jaqbżux

dak li huwa strettament indispensabbli biex ikorpru l-ħtiġijiet bażiċi tal-familja. L-awtorizzazzjoni twissi wkoll lir-rikorrenti li meta jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-konjuġi tagħhom, imniżżel fil-lista, fondi u/jew riżorsi economici, dan jikkostitwixxi reat punibbli skont il-leġiżlazzjoni kriminali nazzjonali.

29. Billi kkunsidraw li s-sistema hekk stabbilita ma kellhiex tapplika għall-każ tagħhom, ir-rikorrenti marru fil-High Court biex jiksbu t-tneħħija tagħha. Fil-fehma tagħhom, l-għoti ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza lill-konjuġi ta' persuna mniżżla fil-lista fl-Anness I tar-Regolament joħroġ mill-qafas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tiegħu u konsegwentement ma huwiex suġġett għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2a.

30. Il-High Court ċaħdet it-talba tar-rikorrenti u ddeċidiet li l-ħlas ta' sussidji lill-konjuġi ta' persuna mniżżla fil-lista tista' titqies bħala ħlas ta' fondi b'mod indirett b'vantaġġ għal dik il-persuna, biex b'hekk taqa' fil-kuntest tal-projbizzjoni magħmula mill-Artikolu 2(2) tar-Regolament. Ir-rikorrenti ppreżentaw appell kontra s-sentenza tal-High Court. Fis-6 ta' Marzu 2007, il-Court of Appeal ċaħdet l-appell u laqgħet *in toto* r-raġunament tal-qorti tal-ewwel istanza.

31. Għalhekk ir-rikorrenti adixxew, bħala l-aħħar istanza, quddiem il-House of Lords, li l-Appellate Committee tagħha ppreżenta, fil-21 ta' Frar 2008, rapport fejn issemma kif ir-rikors kien iqajjem xi mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament u, b'mod partikolari, jekk l-espressjoni "għall-benefiċċju ta" użata f'dik ir-regola għandhiex tinftiehem f'sens wiesgħa, biex, għalhekk, tinkludi kull użu ta' flus li minnu jistgħu jieħdu vantaġġ il-persuni nominati, jew jekk tirriferixxix minflok għal każ biss fejn il-fondi u/jew riżorsi ekonomiċi jitpoġġewx "espressament għad-dispożizzjoni ta' dawk il-persuni, li għalhekk ikunu jistgħu jiddeċiedu liberament l-użu tagħhom".

32. Fid-digriet tar-rinviju, il-House of Lords tirrikonoxxi li awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2a hija mingħajr dubju meħtieġa biex jitħallsu benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza lill-konjuġi tar-rikorrenti, kif ukoll biex dawn ikunu jistgħu jqiegħdu fondi u/jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni tal-konjuġi tagħhom; madankollu hija tosserva li l-problema li tqum fil-każ partikolari hija, pjuttost, jekk tinħtieġx awtorizzazzjoni biex

jitħallsu benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza lir-rikorrenti.

33. Skont din il-qorti, interpretazzjoni wiesgħa ż-żejjed tal-espressjoni "għall-benefiċċju ta'" fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament tikkuntrasta mal-paragrafu (3) ta' wara tal-istess artikolu, li jipprojbixxi li riżorsi ekonomiċi jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' persuna nnominata biss fejn dan jippermetti lil din il-persuna "tikseb fondi, merkanzija jew servizzi". Din il-kundizzjoni li l-House of Lords tqis li hija skont l-għan tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), għandha tkun applikabbli anki fil-kuntest tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament, wara li jitqies ukoll il-fatt li l-paragrafu 2(a) tar-riżoluzzjoni ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn fondi u riżorsi ekonomiċi.

34. Min-naħa l-oħra, jekk wieħed jaċċetta l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament li jagħmel it-Treasury, dan iwassal għal riżultat sproporzjonat, għaliex ifisser li kull min jagħmel ħlas lill-konjuġi ta' persuna nnominata (pereżempju min iħaddmu, jew anki l-bank tiegħu) ikollu jikseb awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2a tar-Regolament, sempliċiment għall-fatt li t-tnejn jgħixu flimkien u li l-persuna nnominata tista' tikseb vantaġġ mill-ispejjeż magħmulin mill-konjuġi.

35. Il-House of Lords tikkunsidra wkoll li l-kundizzjonijiet li jimponi t-Treasury għall-għoti tal-awtorizzazzjoni jikkostitwixxu sistema ta' "indħil". It-termini tal-awtorizzazzjoni huma fil-fatt stabbiliti b'mod li jimpedixxu, sostanzjalment, lill-konjuġi milli jonfoq kwalunkwe somma ta' flus, indipendentement mid-dħul tiegħu, mingħajr ma jkun kiseb minn qabel l-awtorizzazzjoni tat-Treasury.

36. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-Artikolu 2a tar-Regolament jirreferi għal ħlasijiet li saru favur persuna nnominata, filwaqt li l-kwistjoni rilevanti fil-kawża prinċipali tikkonsisti li jiġi stabbilit jekk il-ħlas ta' sussidji lil persuni mhux imniżżlin fil-lista jeħtieġx awtorizzazzjoni minn qabel minħabba l-fatt li s-somom relattivi jitħallsu parzjalment għall-benefiċċju tal-persuna nnominata.

37. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, b'digriet tat-30 ta' April 2008, il-House of Lords issospendiet il-kawża pendenti quddiemha biex tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja din id-domanda preliminari:

"L-Artikolu 2(2) tar-Regolament [...] Nru 881/2002 japplika għall-għoti mill-Istat ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali jew ta' assistenza soċjali lill-konjuġi ta' persuna nnominata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet skond ir-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet

Uniti 1259 (1999) fuq il-bażi biss li l-konjuġi toqgħod mal-persuna nnominata u ser tuża jew tista' tuża parti minn dawn il-flus sabiex tħallas għal oġġetti jew servizzi li din ta' l-aħħar sejra tikkonsma jew tibbenefika minnhom?."

38. Skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub f'din il-kawża, minbarra r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern tar-Renju Unit u Estonjan kif ukoll il-Kummissjoni.

39. Fis-seduta, li saret fil-11 ta' Novembru 2009, ippreżentaw osservazzjonijiet orali r-rikorrenti, il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni.

IV — Osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

40. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, id-deċiżjoni tat-Treasury li jissuġġetta l-ħlas tas-sussidji li huma dovuti lilhom għall-għoti ta' awtorizzazzjoni, akkumpanjata minn kundizzjonijiet partikolarment restrittivi, għandha bħala effett li tipparaguna s-sitwazzjoni tagħhom ma' dik ta' persuna nnominata, filwaqt li huma mhumiex imniżżlin fil-lista, u lanqas biss ma huma ssuspettati li żvolġew attività terroristika.

41. Ir-rikorrenti josservaw li s-sussidji inkwistjoni huma intiżi, fost l-oħrajn, biex jassistu *in natura* l-konjuġi tagħhom imniżżlin fil-lista. Meta jiġri dan, ir-rikorrenti ma jpoġġux fondi għad-dispożizzjoni ta' dawn tal-aħħar; għalhekk huwa esklużi li, meta r-rikorrenti jitħallsu somom ta' flus, l-awtoritajiet kompetenti jqiegħdu fondi indirettament għad-dispożizzjoni tal-konjuġi tagħhom skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament. B'dak il-mod lanqas ma jista' jiġi sostnut li jitpoġġew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta' persuna nnominata: fil-fatt il-paragrafu (3) suċċessiv tal-Artikolu 2 jeskludi mill-qasam ta' applikazzjoni tiegħu r-riżorsi ekonomiċi li minnhom persuna mniżżla fil-lista ma tkunx tista' tieħu fondi, merkanzija jew servizzi ("riżorsi eżenti"). Ir-rikorrenti huma tal-fehma li interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament li testendi l-portata ta' dik ir-regola għal fondi mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' terzi, sempliċiment minħabba l-fatt li dawk il-fondi jistgħu jintużaw biex jinkisbu, favur persuna nnominata, riżorsi eżenti, ma tkunx koerenti ma' din l-esklużjoni.

42. F'dak ir-rigward, huma jżidu li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament li huma jipproponu ma tmurx

kontra dik li tat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Möllendorf [11], li interpretat l-portata ta' din il-projbizzjoni li tinsab f'din id-dispożizzjoni f'termini wiesgħin: fil-fatt, l-oġġett inkwistjoni f'din il-kawża kien jirrappreżenta "riżorsa ekonomika" skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament, billi setgħet tintuża mill-persuna nnominata għall-finanzjament ta' attivitajiet terroristiċi. Ir-restrizzjonijiet għall-kisba tal-fondi min-naħa tar-rikorrenti mhumiex intiżi biex jimpedixxu l-finanzjament ta' dawn l-attivitajiet.

43. Fl-aħħar nett ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament magħmula mit-Treasury tikser id-drittijiet fundamentali tagħhom, partikolarment id-dritt għar-rispett tal-proprjetà u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, ir-restrizzjonijiet imposti mis-sistema ta' awtorizzazzjoni mhumiex proporzjonati għall-finijiet insegwiti, u r-raġunijiet miġjubin bħala ġustifikazzjoni għal dawn ir-restrizzjonijiet mhumiex rilevanti jew suffiċjenti skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem [12]. Bl-istess mod b'referenza għad-dritt ta' proprjetà, ir-rikorrenti jqisu li, bħal fl-kawża Kadi [13], f'din il-kawża wieħed għandu jistaqsi jekk restrizzjonijiet sinjifikattivi imposti fuq dak id-dritt jistgħux jiġu kkunsidrati ġustifikati u proporzjonati.

44. Il-Gvern tar-Renju Unit, abbażi ta' interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 2(2), b'mod partikolari tal-espressjoni "għall-benefiċċju ta'", ibbażata fuq is-sinjifikat ordinarju tal-kliem użat, isostni li l-projbizzjoni li hemm f'dan l-artikolu testendi għal kull tpoġġija għad-dispożizzjoni ta' fondi, li minnha persuna nnominata tista' tikseb profitt, irrispettivament miċ-ċirkustanza li l-fondi inkwistjoni jintużaw biex jiksbu għal dik il-persuna fondi jew riżorsi ekonomiċi; f'dan il-każ partikolari, billi s-somom imħallsin lir-rikorrenti jintużaw minnhom biex iħallsu l-ispejjeż neċessarji, fost l-oħrajn, anki għall-manteniment tal-konjuġi, huwa evidenti li, meta jitħallsu lir-rikorrenti benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza, l-awtoritajiet kompetenti jallokaw fondi għall-benefiċċju tal-konjuġi ta' dawn tal-aħħar skont ir-regola inkwistjoni. Matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dak il-Gvern ippreċiża wkoll li l-Artikolu 2(2) tar-Regolament japplika għall-għoti tas-sussidji inkwistjoni, billi dawn tal-aħħar huma, *min-natura tagħhom* u indipendentement mill-użu effettiv tagħhom, maħsubin biex jagħtu benefiċċju lil persuna nnominata. Fil-fatt huma intiżi biex jaqdu l-bżonnijiet tan-nukleu familjari li tiegħu din tal-aħħar tkun membru u huma ddeterminati, fir-rigward

11 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-11 ta' Ottubru 2007, Möllendorf u Möllendorf-Niehuus, C-117/06, Ġabra 2007 p. I-8361.

12 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2008, *Marper v United Kingdom*, Nru 30562/04 u 30566/04, paragrafu 101.

13 — Ara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351).

tal-ammont tagħhom, skont in-numru tal-membri ta' dan in-nukleu, inkluża l-persuna nnominata.

45. Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni tikkonforma mal-ittra u l-iskop tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1390 (2002) fejn il-projbizzjonijiet tagħha huma fformulati f'termini partikolarment riġidi — kif madankollu ġie affermat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [14] — u intiżi biex jċaħħdu lill-persuni msemmijin fil-lista minn kull sostenn ekonomiku.

46. Skont ir-Renju Unit, jekk kulħadd jista' jħallas l-ispejjeż bażiċi ta' persuna nnominata, dan iġib fix-xejn id-dispożizzjoni derogatorja fl-Artikolu 2a tar-Regolament, fejn jingħad li mhux biss il-persuna nnominata, imma kull "persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata" għandha tikseb awtorizzazzjoni għall-użu ta' fondi jew tagħmel fondi disponibbli biex jitħallsu l-ispejjeż bażiċi ta' persuna nnominata.

47. Barra minn hekk, fil-fehma tar-Renju Unit il-kundizzjoni li hemm fl-Artikolu 2(3) li tipprojbixxi li riżorsi ekonomiċi jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' persuna mniżżla fil-lista biss sa fejn dan ikollu l-effett li jippermetti lil dik il-persuna li "tikseb fondi, merkanzija jew servizzi", ma tapplikax ukoll fil-kuntest tal-paragrafu (2) tal-istess Artikolu: fil-fatt min-natura tagħhom il-fondi huma kkaratterizzati minn likwidità ikbar fir-rigward tar-riżorsi ekonomiċi u għalhekk huma suġġetti, għal dik ir-raġuni, għal sistema iktar restrittiva.

48. B'referenza għall-konsegwenzi "eċċessivament severi" li jirriżultaw għar-rikorrenti mis-sistema ta' awtorizzazzjoni, ir-Renju Unit isostni, minn naħa, li l-projbizzjonijiet imposti bir-Regolament jistgħu, intrinsikament, jipproduċu effetti dannużi għal terzi [15] u, min-naħa l-oħra, li dawk il-konsegwenzi jiddependu fir-realtà mill-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni imposti fuq dawn tal-aħħar skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

49. Fl-aħħar nett, bi tweġiba għall-argument tar-rikorrenti, li skont dawn interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 2(2) iddaħħal fil-portata tal-projbizzjonijiet stabbiliti hemmhekk anki (i) is-salarju mħallas lill-konjuġi ta' persuna nnominata jew lil membru tal-familja tagħha, kif ukoll (ii) id-donazzjonijiet mogħtija lil

14 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punti 50 sa 55, u Kadi, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 169.

15 — Ara s-sentenza tat-30 ta' Lulju 1996, Bosphorus (C-84/95, Ġabra p. I-3953, punt 22).

assoċjazzjoni ta' karità, li tieħu ħsieb tagħti li assistenza lil persuna nnominata, ir-Renju Unit isostni li, għall-kuntrarju ta' dan il-każ partikolari, fl-ebda waħda minn dawn iż-żewġ ipoteżijiet ma jeżisti, bejn it-tpoġġija għad-dispożizzjoni ta' fondi u l-benefiċċju li takkwista l-persuna nnominata, "ness" suffiċjenti li jiġġustifika l-applikazzjoni tar-regola inkwistjoni.

50. Il-Gvern Estonjan huwa tal-fehma li l-ħlas ta' sussidji lill-konjuġi ta' persuna nnominata ma jidħlox fil-kuntest ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament u għalhekk ma għandux ikun awtorizzat. Skont dan il-gvern, interpretazzjoni ta' din ir-regola li tillimita li jiġu rċevuti fondi li huma tagħhom min-naħa ta' terzi, mhux imniżżlin fil-lista, jwassal, effettivament, li dawn tal-aħħar jiġu ekwiparati ma' persuni nominati.

51. Interpetazzjoni li tassimila l-ħlas ta' fondi favur terz, marbut ma' persuna mniżżla fil-lista b'rabtiet familjari jew ta' xi tip ieħor, għat-tpoġġija għad-dispożizzjoni ta' dak l-individwu ta' fondi, jew għall-allokazzjoni ta' fondi għall-benefiċċju ta' din tal-aħħar, lanqas ma hija konformi mat-test u l-iskop tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), li tipprovdi li l-persuni mniżżlin fil-lista biss abbozzata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jistgħu jiġu suġġetti għas-sistema ta' sanzjonijiet stabbiliti hemmhekk.

52. Il-Gvern Estonjan josserva wkoll li, fil-konfront ta' terz li jkun kiser id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, tiġi applikata l-leġiżlazzjoni kriminali nazzjonali u li, fl-ipoteżi li t-terz inkwistjoni jipparteċipa, permezz ta' persuna nnominata, f'attivitajiet terroristiċi, wieħed għandu jipproponi li dan jitniżżel fil-lista biex anki huwa jiġi suġġett għas-sistema ta' sanzjonijiet stabbilita bir-Regolament.

53. Fi kwalunkwe każ, jikkonkludi l-Gvern tal-Estonja, anki jekk wieħed jammetti li r-Regolament jippermetti li jiġi ristrett l-aċċess min-naħa ta' terzi għall-fondi tiegħu, il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni imposti mit-Treasury jikkostitwixxu indħil indebitu fil-ħajja privata tar-rikorrenti, li, mhux biss ma huwiex iġġustifikat bil-perikolu potenzjalment rappreżentat mill-aġir tat-terz (fil-fatt mhwiex realistiku li jiġi ipotizzat li, permezz ta' sussidju li l-ammont tiegħu bilkemm jippermetti li jiġu sodisfatti l-bżonnijiet essenzjali ta' familja, tista' tiġi ffinanzjata attività terroristika) imma huwa sproporzjonat, peress li jista' jiġi evitat billi

wieħed jirrikorri lejn alternattivi inqas leżivi tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

54. Il-Kummissjoni ssostni li l-ħlas ta' sussidji lir-rikorrenti, li jużawhom biex jagħtu lill-konjuġi assistenza *in natura*, jidħol fil-kuntest ta' applikazzjoni tal-projbizzjonijiet magħmulin fl-Artikolu 2 tar-Regolament u, konsegwentement, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika. Hija tasal għal dik il-konklużjoni abbażi tal-analiżi tal-ittra u l-iskop tal-Artikolu 2 tar-Regolament u tar-Riżoluzzjoni 1390 (2000), kif ukoll tas-sistema ta' derogi introdotta fir-Regolament bl-Artikolu 2a.

55. Skont il-Kummissjoni, il-leġiżlatur Komunitarju ried jagħti lid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2 tar-Regolament portata mill-iktar wiesgħa possibbli, biex tiddaħħal sistema ta' sanzjonijiet finanzjarji eżawrjenti u radikali. Dan jirriżulta mhux biss mill-ittra ta' dik id-dispożizzjoni, imma wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, fis-sentenza Möllendorf [16], laqgħet interpretazzjoni estiża tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament li, fil-fehma tal-Kummissjoni, għandha fil-prinċipju tapplika wkoll għall-Artikolu 2(2).

16 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punti 50 u 51.

56. Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tar-Regolament, wieħed għandu mbagħad jirriferi għar-Riżoluzzjoni 1390 (2002) li, fl-insegwiment tal-għanijiet ta' interess ġenerali tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, hija abbozzata fi kliem eċċezzjonalment wiesa' u hija intiża biex timpedixxi kull sostenn ekonomiku għall-persuni mniżżlin fil-lista. Il-Kummissjoni tenfasizza li ma hemm l-ebda indikazzjoni, fir-regolament jew fir-riżoluzzjoni, ta' obbligu għall-Istati Membri li jivverifikaw, qabel ma jeżegwixxu l-projbizzjonijiet previsti hemmhekk, li ma jeżisti l-ebda riskju konkret li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jintużaw għal skopijiet terroristiċi; din il-kundizzjoni għandha r-riskju ta' elużjoni tal-miżuri restrittivi imposti u diffikultajiet serji ta' evalwazzjoni u twettiq.

57. L-istess introduzzjoni, bl-Artikolu 2a, ta' sistema ta' derogi ta' natura umanitarja — li jirrigwardaw, fost l-oħrajn, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi "neċessarji biex ikunu koperti spejjeż bażiċi" — turi b'mod ċar li l-provvista ta' akkomodazzjoni, ikel u oġġetti oħrajn ta' neċessità primarja lil persuna mniżżla fil-lista min-naħa tal-konjuġi tagħha taqa', fil-prinċipju, fil-projbizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament; isegwi li din tista' tiġi awtorizzata biss fil-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 2a u billi tiġi segwita l-proċedura stabbilita hemmhekk. Il-Kummissjoni tammetti li r-rikorrenti mhumiex imniżżlin fil-lista imma tfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżuri restrittivi ta' natura ekonomika jista' jkollhom, min-natura

tagħhom, konsegwenzi ta' dannu għal terzi, li madankollu isibu ġustifikazzjoni fir-rilevanza tal-għanijiet insegwiti.

V — Analiżi ġuridika

A — *Fuq id-domanda preliminari*

1. Osservazzjonijiet preliminari

58. Il-Kummissjoni tqis li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, b'referenza għall-każ speċifiku, li l-kundizzjonijiet konkreti tas-sistema ta' awtorizzazzjoni nazzjonali adottati fl-implementazzjoni tal-Artikolu 2a ma jirrappreżentawx ksur sproporzjonat tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

59. Billi t-total tal-benefiċċji mħallsin lir-rikorrenti jiġi kkalkolat attentament *ex ante* b'mod li jiġi pprovdut il-minimu li huwa indispensabbli għas-sopravivenza, il-Kummissjoni tistaqsi fl-aħħar jekk huwiex meħtieġ ukoll li jiġi ggarantit, *ex post*, li dawk is-somom ma jintefqux għal finijiet oħrajn. Fil-fehma tagħha, wieħed jista' jirrikorri għal mekkaniżmu inqas ta' indħil, pereżempju billi jiġi stabbilit li l-Istati Membri joqogħdu skrupolożament mal-obbligi ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li ma tidhirx li hija meħtieġa awtorizzazzjoni, fir-Renju Unit, biex jitħallsu lir-rikorrenti eventwali dħul minn xogħol, filwaqt li strettament, l-oriġini tal-fondi rċevuti ma għandha tagħmel l-ebda differenza għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet li jagħmel ir-Regolament.

60. B'din id-domanda preliminari, il-House of Lords tistaqsi sostanzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-portata tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament 881/2002 testendix għall-ħlas ta' benefiċċji ta' assistenza u soċjali li huma dovuti lil konjuġi ta' persuna mniżżla fil-lista fl-anness tar-Regolament, sempliċiment minħabba l-fatt li l-konjuġi jgħixu flimkien u li l-benefiċċji inkwistjoni huma, jew jistgħu jkunu, parzjalment użati għall-benefiċċju ta' dik il-persuna.

61. Id-domanda li saret lill-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk tikkonsisti li jiġi stabbilit jekk, kif jissuġġerixxi t-Treasury, meta jitħallsu s-sussidji lir-rikorrenti, li ser jużaw s-somom irċevuti biex, fost l-oħrajn, jagħtu assstenza *in natura* lill-konjuġi tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, direttament jew indirettament, ipoġġux fondi għad-dispożizzjoni ta' persuna nnominata jew jallokawx fondi għall-benefiċċju tagħha, biex b'hekk jaqgħu fil-projbizzjonijiet li jagħmel l-Artikolu 2 tar-Regolament, jew

jekk, kif minflok isostnu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali u kif jidher li ssostni l-qorti tar-rinviju, il-ħlasjiet inkwistjoni jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu.

62. Qabel ma ngħaddi għall-eżami tal-kontenut tagħha, jeħtieġ li nagħmel xi spjegazzjonijiet żgħar dwar l-isfera ta' applikazzjoni soġġettiva ta' din id-dispożizzjoni u l-effetti li jista' jkollha fuq individwi li mhumiex imniżżla fil-lista anness mar-Regolament.

63. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jingħad l-ewwel nett li, biex il-miżuri li hemm fir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà jiġu implementati bil-mod l-iktar effiċjenti u inċiżiv, il-Komunità rrikorriet għall-istrument tar-regolament, li għandu effett direttt, minbarra uniformi, fil-konfront tal-persuni kollha u l-entitajiet stabbiliti fit-territorju Komunitarju. Meta jistabbilixxi l-projbizzjoni li jitpoġġew direttament jew indirettament fondi jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni tal-persuni nominati u li jiġu allokati tal-ewwel jew jingħataw tat-tieni għall-benefiċċju tagħhom, l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 881/2002 jorbot kull min ikun fil-kundizzjoni li jaġixxi b'dak il-mod. B'referenza għal dan il-każ partikolari, meta jkun hemm il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tiegħu, l-osservanza ta' dik il-projbizzjoni taqa' għalhekk kemm fuq l-entitajiet li jħallsu s-sussidji inkwistjoni kif ukoll fuq ir-rikorrenti.

64. Imbagħad jeħtieġ li jiġi osservat li, fis-sentenza Bosphorus [17] il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, sostniet li l-importanza tal-għanijiet insegwiti permezz tal-adozzjoni ta' dispożizzjoni ta' sanzjoni adottata fl-implementazzjoni ta' riżoluzzjonijiet vinkolanti tal-Kunsill tas-Sigurtà [18] tista' tiġġustifika "konsegwenzi negattivi, anki ta' ċerti piż", "b'danni għal individwi li ma għandhom l-ebda responsabbiltà fir-rigward tas-sitwazzjoni li waslet għall-adozzjoni tal-istess sanzjonijiet" [19] u, min-naħa l-oħra, fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-drittijiet fundamentali invokati mir-rikorrenti fil-kawża nazzjonali li oriġinat dik id-deċiżjoni "ma jidhrux li huma prerogattivi assoluti u l-eżerċizzju tagħhom jista' jkun is-suġġett ta' restrizzjonijiet ġustifikati f'isem interessi ġenerali insegwiti mill-Komunità" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [20]. Għandu jiġi rrilevat ukoll li, minkejja l-ġurisprudenza suċċessiva tal-Qorti tal-Ġustizzja, sa mis-sentenza Kadi [21], hija kkaratterizzata minn attenzjoni ikbar għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, din il-ġurisprudenza ma tpoġġix fid-dubju l-prinċipju li regolament li jistabbilixxi l-adozzjoni ta' miżuri ta' sanzjoni — bħal dawk inkwistjoni fis-sentenza Bosphorus u f'din il-kawża — jista' jġib konsegwenzi negattivi fuq individwi diversi minn dawk li fil-konfront tagħhom is-sanzjonijiet stabbiliti minnu huma intiżi li joperaw.

17 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

18 — F'dan il-każ partikolari r-Regolament tal-Kunsill 990/93/KEE, tas-26 ta' April 1993, dwar l-iskambji bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali ta' Jugoslavja (Serbja u Montenegro), ĠU L 102, p. 14.

19 — Ara l-punti 22 u 23 tas-sentenza.

20 — Ara s-sentenza Bosphorus, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk.

21 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13. Ara fl-aħħar nett is-sentenza tat-3 Diċembru 2009, Hassan vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-399/06 P u C-403/06 P, Ġabra p. I-11393).

65. Għalhekk isegwi li, anki jekk ma jidhrux fost il-persuni inklużi fil-lista annessa mar-Regolament u ma jistax jiġi estiż fil-konfront tagħhom il-ġudizzju tal-perikolożità mfisser fil-konfront ta' dawk il-persuni għall-fatt biss li huma miżżewġin u jgħixu ma' persuni li isimhom jidher f'din il-lista, ir-rikorrenti fil-kawza prinċipali huma minkejja dan suġġetti li jsofru danni eventwali li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament.

66. Fl-aħħar nett għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-restrizzjonijiet tad-drittijiet fundamentali ġustifikabbli quddiem ħtiġijiet ta' interess pubbliku, bħal dawk ġejjin mill-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, ma jistgħux jirrapreżentaw, madankollu, fir-rigward tal-iskop segwit, indħil intollerabbli u sproporzonat li jikkawża preġudizzju għall-kontenut tad-drittijiet garantiti [22].

67. Għalhekk meta wieħed jasal għall-konklużjonilijeżistul-kundizzjonijietoġġettivi għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet taħt l-Artikolu 2 tar-Regolament għas-sussidji inkwistjoni u li l-ħlas ta' dawn tal-aħħar għandu jkun awtorizzat skont l-Artikolu 2a suċċessiv, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dik l-awtorizzazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità msemmi iktar 'il fuq. F'dan ir-rigward għandu jiġi kkunsidrat mhux biss id-dritt tar-rikorrenti għall-ħarsien tal-proprjetà tagħhom, imma wkoll dak tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja tagħhom [23].

68. Madankollu mhux ser nidħol fil-mertu ta' din il-kwistjoni, billi f'din il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja ma ntalbietx tiddeċiedi fuq il-ksur eventwali ta' dan il-prinċipju.

2. Fuq il-portata tal-projbizzjoni taħt l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 881/2002 KE

69. Fl-analiżi tal-kontenut tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament, jeħtieġ li tiġi ċċarata l-portata tal-projbizzjoni li dan jistabbilixxi biex jiġi ddeterminat jekk din il-projbizzjoni hijiex applikabbli fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali.

22 — Ara s-sentenza Kadi, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 354 *et seq.*

23 — Fuq dan l-aħħar punt ara fost l-oħrajn is-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, Ġabra p. I-5769), tal-11 ta' Lulju 2002, Carpenter (C-60/00, Ġabra p. I-6279) u tat-23 ta' Settembru 2003, Akrich (C-109/01, Ġabra p. I-9607).

70. F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li fil-kawża prinċipali m'hemmx kontestazzjoni fuq id-deskrizzjoni tas-sussidji mħallsin lir-rikorrenti bħala "fondi": fi kliem ieħor, meta jħallsu lir-rikorrenti somom ta' flus bħala benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza, l-korpi li jagħmlu l-ħlas ipoġġu għad-dispożizzjoni tagħhom fondi skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament u mhux "riżorsi ekonomiċi" taħt il-paragrafu (2) suċċessiv.

71. Minbarra dan, nosserva li, skont dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża, is-somom inkwistjoni jiġu ddepożitati f'kont kurrenti li jkun f'isem ir-rikorrenti, jew miżmum mit-Treasury f'isimhom. Dan il-fatt iwassal biex jiġi eskluż li, permezz tal-pagament ta' benefiċċji lir-rikorrenti, jitpoġġew fondi għad-dispożizzjoni tal-konjuġi ta' dawn tal-aħħar, imniżżel fil-lista fl-Anness I tar-Regolament, *b'mod dirett.*

72. Jidhirli li lanqas meta jitħallsu lir-rikorrenti l-benefiċċji inkwistjoni, fin-nuqqas ta' elementi li jippermettu li anki wieħed jippreżumi biss li dawn tal-aħħar ser jgħaddu għal kollox jew parzjalment is-somom relattivi lill-konjuġi tagħhom, il-korpi li jħallsu jpoġġu *indirettament* fondi għad-dispożizzjoni ta' persuna nnominata. Fil-fatt, dawn is-somom jitħallsu lir-rikorrenti u ma jkunux jistgħu jsiru disponibbli għall-konjuġi rispettivi jekk mhux fil-każ li jiġu trasferiti lilhom mill-istess rikorrenti. Issa, matul id-diversi livelli ġudizzjarji tal-kawża li saru quddiem il-qrati nazzjonali, inkluż il-kawża prinċipali, qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li r-rikorrenti ma aġixxewx f'dan is-sens. Barra minn hekk, huwa l-każ li jiġi rrilevat li trasferiment bħal dan iseddaq ipoteżi ta' nonosservanza tal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament li jitpoġġew fondi direttament għad-dispożizzjoni ta' persuna nnominata u tesponi lir-rikorrenti, fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 2a ta' dak ir-Regolament, għas-sanzjonijiet stabbiliti fir-regoli nazzjonali ta' transpożizzjoni.

73. Fil-verità, il-ħtieġa li l-ħlas tas-sussidji lir-rikorrenti jkun suġġett għar-rilaxx ta' awtorizzazzjoni titqajjem mit-Treasury mhux tant għaliex iqis li teżisti l-possibbiltà, kemxejn remota, li dawn ipoġġu s-somom inkwistjoni għad-dispożizzjoni tal-konjuġi rispettivi, imma minħabba l-fatt li dawk is-somom jintużaw mir-rikorrenti biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-familja tagħhom, inkluż il-konjuġi. Fil-fehma tat-Treasury (li l-argument tiegħu ġie milquġħ mill-qrati nazzjonali tal-ewwel istanza u tal-appell), meta jitħallsu s-sussidji lir-rikorrenti, il-korpi tal-ħlas, anki jekk ma jpoġġux (direttament jew indirettament) fondi għad-dispożizzjoni tal-konjuġi ta' dawn tal-aħħar, *jallokawhomlhom*, madankollu, *għall-benefiċċju tagħhom*, fis-sens indikat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament.

74. Id-dubju interpretattiv għalhekk jirrigwarda l-portata tal-projbizzjoni li ma jiġux allokati fondi "għall-benefiċċju ta'" persuna nnominata li hemm fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament. Għall-finijiet tar-risposta li għandha tingħata lill-qorti tar-rinviju, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi vverifikat jekk, kif isostni l-konvenut fil-kawża prinċipali, il-projbizzjoni inkwistjoni għandha tinftiehem f'sens wiesgħa — jiġifieri billi tiġi estiża għal kull somma li minnha persuna nnominata tista' tikseb profitt — jew jekk għandhiex tingħata minflok qari iktar restrittiv, kif propost mir-rikorrenti u mill-qorti nazzjonali.

75. Għal dan l-iskop, għandi nenfasizza l-ewwel nett li l-argumenti interpretattivi opposti magħmulin mill-qorti tar-rinviju u mill-partijiet fil-kawża prinċipali kif ukoll esposti f'din il-kawża huma ispirati mill-verżjoni Ingliża tad-dispożizzjoni inkwistjoni, li tgħid "*[n]o funds shall be made available, directly or indirectly, to, or for the benefit of, a natural or legal person, group or entity designated by the Sanctions Committee and listed in Annex I*".

76. F'dan ir-rigward infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet ta' dritt Komunitarju għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi fid-dawl tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi [24]; il-formulazzjoni użata f'waħda minn dawn il-verżjonijiet ma tistax tkun l-uniku element insostenn tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni, u lanqas ma jista' jiġi attribwit fil-konfront tagħha, f'dan ir-rigward, karattru prijoritarju fir-rigward tal-verżjonijiet lingwistiċi oħrajn. Fil-fatt, dan il-mod kif wieħed jipproċedi jikkuntrasta mal-ħtieġa li jiġi applikat b'mod uniformi d-dritt Komunitarju [25].

77. Issa, l-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 2(2) imsemmi hija inċerta minħabba l-formulazzjoni mhux omoġenja ta' dik id-dispożizzjoni fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi tagħha.

78. Ir-Renju Unit iqis li l-interpretazzjoni estensiva li jiffavorixxi, li jdaħħal il-benefiċċju ta' assistenza *in natura* lil persuna nnominata fl-ambitu ta' applikazzjoni tar-Regolament, tista' tiġi bbażata fuq id-distinzjoni, li ssir fl-Artikolu 2(2) bejn "*made available to*" ("jkun disponibbli lil") u "*made available*

24 — Sentenzi tal-5 ta' Diċembru 1967, Van Der Vecht (19/67, Ġabra p. 445), tat-12 ta' Novembru 1969, Stauder (29/69, Ġabra p. 419, punti 3 u 4), tat-12 ta' Lulju 1979, Koschniske (9/79, Ġabra p. 2717, punt 6), tas-6 ta' Ottubru 1982, CILFIT *et* (283/81, Ġabra p. 3415, punt 18), tas-27 ta' Marzu 1990, Cricket St Thomas, (C-372/88, Ġabra p. I-1345, punt 19), u tat-3 ta' April 2008, Endendijk, (C-187/07, Ġabra 2008 p. I-2115, punt 22).

25 — Ara s-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1998, Institute of the Motor Industry (C-149/97, Ġabra p. I-7053, punt 16), u Endendijk, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23.

for the benefit of" ("għall-benefiċċju ta'") [26]. Skont dan il-gvern, biex ma tispiċċax bla sinjifikat l-espressjoni "*for the benefit of*", din ma tistax tinftiehem bħala applikabbli fil-każ li, bħal f'din il-kawża, ma jitpoġġewx fondi għad-dispożizzjoni ta' ("*made available to*") persuni nominati, imma minkejja dan jieħdu benefiċċju permezz ta' assistenza *in natura*.

79. Din l-interpretazzjoni tista' tgħodd ukoll għall-verżjonijiet kollha lingwistiċi (pereżempju dik Olandiża, Svediża, Finlandiża, Ungeriża) li, bħal dik Ingliża, jirrikorru biss għal verb "jkunu disponibbli" billi tiġi stabbilita l-projbizzjoni li fondi jkunu disponibbli "lil" persuni nominati kif ukoll "għall-benefiċċju tagħhom". Kważi f'dawn il-verżjonijiet lingwistiċi kollha huwa evidenti wkoll li l-avverbji "direttament jew indirettament" jirriferu kemm li l-ħaġa tkun disponibbli "lil" kif ukoll li tkun disponibbli "għall-benefiċċju ta'", persuni nominati; għalhekk ir-regola tidher li tistabbilixxi l-projbizzjoni li jkunu disponibbli fondi "lil" dawk il-persuni (direttament jew indirettament) jew "għall-benefiċċju tagħhom" (direttament jew indirettament).

80. Il-ħlas ta' sussidji lir-rikorrenti min-naħa tal-entitajiet ta' ħlas jitqies għalhekk bħala li jkun għad-dispożizzjoni *indiretta* ta' fondi *għall-benefiċċju* tal-konjuġi tagħhom.

81. L-argument aċċettat mir-Renju Unit jidher li huwa kkorroborat mill-analiżi tal-verżjonijiet fil-lingwi neolatini tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament li jużaw espressjoni differenti biex ifissru l-fraži "*made available for the benefit of*", billi jiġi pprojbit mhux tant li fondi "jkun[u] disponibbli […] lil jew għall-benefiċċju ta'" dawk il-persuni, imma li "jintużaw" fondi "għall-benefiċċju tagħhom" [27]. B'dak il-mod, il-portata tal-projbizzjoni kkontemplata mir-regola tidher li testendi lil hinn mis-sempliċi fatt li jitpoġġew fondi għad-*disponibbiltà* ta' persuna mniżżla fi-lista, biex tiġi inkluża wkoll kull kundizzjoni fl-*użu* ta' dawk il-fondi, li minnhom dik il-persuna tkun tista' tikseb profitt. Madankollu, fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha li għadhom kif ġew iċċitati, filwaqt li l-avverbji "direttament jew indirettament" jirreferu b'mod ċar għall-projbizzjoni li "jkunu disponibbli" fondi ta' persuni nominati, l-istess ma jistax jingħad fuq il-projbizzjoni li jiġu użati fondi "għall-benefiċċju ta'" dawk il-persuni. Abbażi ta' dawk il-verżjonijiet, il-projbizzjoni ma tidhirx għalhekk li tista' tiġi estiża għall-ħlas ta' sussidji kkontestati lir-rikorrenti, billi ma dan ma jistax jinftiehem bħala "użu indirett" ta' fondi għall-benefiċċju ta' persuni nominati.

26 — Il-linja taħt il-kliem hija tiegħi.

27 — Bil-Franċiż "*utilisé au bénéfice*"; bl-Ispanjol, "*utilizar en beneficio*"; bil-Portugiż "*utilizados em benefício*"; bir-Rumen, "*utilizat în beneficiul*".

82. L-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 2(2) issir iktar kumplessa minħabba l-fatt li ċerti verżjonijiet lingwistiċi oħrajn tar-Regolament, anki għalkemm dawn wkoll jużaw terminu speċifiku biex ifissru l-fraži "made available for the benefit of", minflok il-verb "uża" jippreferu wieħed li jista' jagħti lok għal interpretazzjoni differenti. Pereżempju dan huwa l-każ tal-verżjoni Taljana, li tipprojbixxi "allokazzjoni" [stanziare] ta' fondi għall-benefiċċju ta' persuni nominati. Dan it-terminu, fit-tifsira tiegħu li "tingħata somma għal għan determinat" iwassal lil wieħed iqis li, f'dan il-każ inkwistjoni, iċ-ċirkustanza pprojbita mir-regola ssir konkreta biss bil-ħlas tas-sussidji lir-rikorrenti (li jużawhom għall-benefiċċju tal-konjuġi tagħhom), u dan indipendentement mill-fatt li l-avverbji "direttament jew indirettament" jirriferu, minbarra għall-verb li "li huma disponibbli", anki għall-verb li "jiġi allokat għall-benefiċċju ta'". Il-verżjoni Ġermaniża tar-regola inkwistjoni, min-naħa tagħha, hija intiża biex tipprojbixxi b'mod ġeneriku li l-fondi "jagħtu vantaġġ" ("*zugute kommen*") lil persuna nnominata u ma tippermettix li jingħad — imma lanqas li jiġi eskluż — li l-avverbji "direttament jew indirettament" jirriferu għal dak il-verb, biex b'hekk tibqa' possibbli l-interpretazzjoni li tneħħi mill-kuntest ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) l-ipoteżijiet fejn, bħal f'dan il-każ, il-fondi inkwistjoni "jagħtu vantaġġ" lill-persuna nnominata b'mod indirett.

83. Minħabba d-differenzi sinjifikattivi li għadhom kif intwerew fost il-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament, li jagħtu lok għal diversi interpretazzjonijiet possibbli, jiena tal-fehma li l-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 2 ma tipprovdix elementi determinanti għall-finijiet tar-rikostruzzjoni tal-portata eżatta tal-projbizzjonijiet imposti minnu u li huwa għalhekk meħtieġ li tiġi eżaminata dik id-dispożizzjoni fid-dawl tal-kuntest tagħha u tal-għanijiet insegwiti mir-regoli li minnhom tifforma parti [28].

84. B'mod partikolari, billi r-Regolament ġie adottat biex tiġi implementata r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà, jeħtieġ li jitqies ukoll it-test u l-iskopijiet ta' din tal-aħħar [29].

85. Skont il-paragrafu 2(a) tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), "fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi" ma jistgħux "isiru disponibbli, direttament jew indirettament, għal vantaġġ ta'" individwi inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 3

28 — Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau (30/77, Ġabra p. 1999, punt 14), tas-17 ta' Novembru 1983, Merck (292/82, Ġabra p. 3781, punt 12), tat-28 ta' Marzu 1985, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (100/84, Ġabra p. 1169, punt 17), Cricket St Thomas, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punti 18 sa 19, tas-17 ta' Ottubru 1991, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-100/90, Ġabra p. I-5089, punt 8), tas-17 ta' Ottubru 1995, Leifer *et* (C-83/94, Ġabra p. I-3231, punt 22), u Endendijk, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 23.

29 — Ara s-sentenzi Bosphorus, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punti 13 u 14, Möllendorf, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 68, u Kadi, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 297.

iktar 'il fuq [30]. Il-projbizzjoni imposta b'dan il-mod, iffurmulata f'termini wesgħin ħafna, hija intiża biex tipprevjeni kull tpoġġija ta' disponibbiltà ta' fondi, attivitajiet jew riżorsi ekonomiċi favur individwi mniżżlin fil-lista msemmija fil-paragrafu 3 iktar 'il fuq, biex b'hekk dawn tal-aħħar ma jitħallewx jiksbu vantaġġ [31].

86. Wara li jiġu kkunsidrati l-għanijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali insegwiti mir-Riżoluzzjoni inkwistjoni din il-projbizzjoni għandha madankollu titqies bħala funzjonali biex tipprevjeni l-użu ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi min-naħa tal-persuni mniżżla f'din il-lista *għal skopijiet terroristiċi*. Dan il-qari, minbarra li huwa kkorroborat mill-verżjoni fil-lingwa Franċiża tal-paragrafu 2(a) tar-Riżoluzzjoni — li tgħid li l-projbizzjoni li jkunu disponibbli fondi "għall-benefiċċju ta'" persuni nominati għandha l-għan li timpedixxi li dawn jistgħu jutilizzaw dawn il-fondi "*pour les fins qu'ils poursuivent*" — hija kkonfermata mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1822 (2008) tat-30 ta' Ġunju 2008, li, wara li rriferiet fil-paragrafu 1(a), il-projbizzjonijiet magħmulin mill-paragrafu 2(a) tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), tispeċifika li l-projbizzjonijiet inkwistjoni japplikaw "għar-riżorsi ekonomiċi u finanzjarji ta' kwalunkwe tip […] *użati insostenn ta' Al-Qaida, Usama bin Laden u t-Taliban*" [32]

87. Minn interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament li tikkunsidra debitament l-għan tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), jirriżulta li lil hinn mit-terminoloġija użata fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi, din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tirregola d-diversi kundizzjonijiet fejn jista' jsir konkret il-kisba ta' fondi min-naħa ta' persuni nominati fil-lista, biex tingħata portata l-iktar estiża possibbli għall-projbizzjoni biex dawk il-persuni jiksbu, b'mod dirett jew indirett, il-poter li jiddisponu mill-fondi inkwistjoni, biex b'hekk jiġi evitat li jittieħdu għal skopijiet terroristiċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dan is-sens fis-sentenza Kadi [33], fejn jingħad li "l-għan essenzjali u s-suġġett tar-Regolament ikkontestat huwa li jiġi miġġieled it-terroriżmu internazzjonali, b'mod partikolari li jinqataw ir-riżorsi finanzjarji tiegħu billi jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tal-persuni jew entitajiet issuspettati li huma involuti f'attivitajiet li huma marbuta miegħu".

88. Għalhekk jidhrli li ma huwiex korrett li jingħad, mat-Treasury, li l-iskop tar-Riżoluzzjoni (u tar-Regolament) huwa dak li titneħħa kull forma ta' sostenn ekonomiku lil suġġetti mniżżlin fil-lista fl-Anness I tar-Regolament. Il-projbizzjonijiet li hemm f'dawn l-atti veru huma fformulati f'termini wesgħin, imma japplikaw biss sa fejn jimpedixxu lil dawk l-individwi li jużaw

30 — Bl-Ingliż, "*made available … for such person's benefit*"; bl-Ispanjol, "*pongan … a disposición de esas personas*"; bil-Franċiż, "*rendus disponibles … pour les fins qu'ils poursuivent*".

31 — Ara s-sentenza Möllendorf, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 56.

32 — Paragrafu 4 tar-Riżoluzzjoni, il-korsiv huwa tiegħi.

33 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 169.

il-fondi tagħhom u riżorsi ekonomiċi għal skopijiet terroristiċi, kif ukoll li jinkisbu fondi jew riżorsi minn terzi, b'mod dirett jew indirett, biex jintużaw fl-insegwiment ta' dawk l-iskopijiet.

89. Għalhekk pjuttost naqbel mar-riżervi li esprimiet il-qorti tar-rinviju dwar il-possibbiltà effettiva li l-kunċett ta' "għall-benefiċċju ta'" li hemm fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament, jingħata interpretazzjoni li testendi l-portata għal ħlas *lil terzi* ta' fondi li jistgħu jiġu użati biex ikopru l-ispejjeż bażiċi ta' persuna nnominata. Fil-fatt, diffiċli li jiġi ipotizzat li l-għoti ta' sussidji intiżi biex jagħmlu tajjeb għall-bżonnijiet ta' nukleu familjari, u li effettivament jintużaw għal dak l-iskop b'kundizzjoni tali li jippermetti lill-persuna nnominata li jkollha biss benefiċċju *in natura*, iwassal għal riskju li fondi jintużaw favur attivitajiet terroristiċi. Dan iktar u iktar fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ fejn lir-rikorrenti tingħata somma moderata, ikkalkolata b'attenzjoni *ex ante* b'mod li tipprovdi biss dak li huwa strettament meħtieġ għas-sopravivenza tal-familja.

90. Għar-raġunijiet li ssemmew iktar 'il fuq l-argument li sostna l-Gvern tar-Renju Unit ma jipperswadinix [34], argument li, fil-fehma tiegħi, huwa formalistiku b'mod eċċessiv. Veru li, kif isostni dan il-Gvern, is-sussidji inkwistjoni, billi jingħataw għall-vantaġġ tan-nukleu familjari ta' persuna mniżżla fl-Anness I tar-Regolament u determinanti fil-bżonnijiet tal-komponenti kollha ta' dak in-nukleu, huma, min-*natura* tagħhom stess u indipendentement mill-użu konkret tagħhom, intiżi biex jagħtu vantaġġ lil dik il-persuna. Madankollu, huwa dasqtant ieħor veru li l-*funzjoni* ta' dawk is-sussidji, hija *indipendentement mill-użu li ser isir tas-somom relattivi*, dik li tipprovdi lin-nukleu familjari li jingħataw dawk il-mezzi biss meħtieġa għas-sussistenza tal-komponenti tiegħu u li d-daqs tagħhom ikun proporzjonat ma' dik il-funzjoni. Fi kliem ieħor, il-benefiċċju li dawk is-sussidji huma intiżi li jġibu lil min għandu dak id-dritt, u li konkretament igawdu l-konjuġi tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ma jmurx lil hinn mill-għoti tal-mezzi ta' sussistenza għalihom u għall-familja tagħhom. Issa li wieħed idaħħal fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament il-ħlas ta' dawn is-sussidji lil komponent tan-nukleu familjari ta' persuna nnominata, f'ċirkustanzi li, bħal f'dan il-każ partikolari, jippermettu li jiġi eskluż li s-somom relattivi jidħlu fid-disponibbiltà ta' din tal-aħħar, ma jidhrx li huwa ġġustifikat fid-dawl tal-għan insegwit mir-Regolament, u mir-riżoluzzjonijiet li huwa għandu l-intenzjoni li jimplementa, li jiġi miġġieled it-terroriżmu internazzjonali billi jiġi mċaħħad mir-riżorsi finanzjarji tiegħu. Din il-konklużjoni tikkonforma wkoll mal-ħtieġa ta' ħarsien tad-dritt tar-rikorrenti għar-rispett tal-ħajja familjari tagħhom.

34 — Ara l-punt 44 iktar 'il fuq.

91. Ma' dan li għedt sa issa nżid li l-interpretazzjoni estensiva tal-kunċett "għall-benefiċċju ta'" fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament propost mir-Renju Unit u mill-Kummissjoni — li kull meta jitħallsu benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza lill-konjuġi ta' persuna nnominata, dan ikun jeħtieġ awtorizzazzjoni, billi dawn il-fondi huma jew jistgħu jiġu użati biex tingħata assistenza *in natura* lil persuna nnominata — iġġib ir-riskju li jiġi estiż il-kunċett ta' applikazzjoni tar-Regolament b'mod kważi illimitat, u jitwessa', loġikament, minbarra kwalunkwe ħlas ta' somom ta' flus favur tal-konjuġi ta' persuna nnominata (pereżempju s-salarju tagħhom jew donazzjoni) għall-każijiet kollha fejn dik il-persuna jkollha benefiċċju indirettament mill-eżistenza ta' rabtiet kemxejn diretti ma' terz, mhux imniżżel fl-elenku, li jgħix magħha (il-konjuġi, imma anki membri oħrajn tal-familja), jew marbut magħha minn rabtiet partikolari ta' parentela jew ħbiberija, jew ukoll minn relazzjonijiet ekonomiċi.

92. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li ssemmew iktar 'il fuq, ma jidhirlix għalhekk li l-ħlas, min-naħa tal-awtoritajiet tar-Renju Unit ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza lir-rikorrenti, jista' jiġi deskritt bħala allokazzjoni ta' *fondi* għall-benefiċċju ta' persuni nominati, fis-sens indikat mill-Artikolu 2(2) tar-Regolament.

93. Fil-fehma tiegħi lanqas ma jistgħu jiġu kkunsidrati l-oġġetti u s-servizzi pprovduti *in natura* mir-rikorrenti lill-konjuġi tagħhom bħala *riżorsi ekonomiċi* skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament u għalhekk li jiġi kkunsidrat li dawk l-awtoritajiet, meta jħallsu l-fondi lir-rikorrenti, ipoġġu indirettament r-riżorsi ekonomiċi lil persuna nnominata, jew għall-vantaġġ tagħha, biex b'hekk jidħlu fil-projbizzjonijiet li jagħmel l-Artikolu 2(3) tar-Regolament.

94. Għall-finijiet tar-Regolament, huma riżorsi ekonomiċi "assi ta' kull tip, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi imma li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi" (Artikolu 1(2)). B'mod koerenti ma' din id-definizzjoni, l-Artikolu 2(3) tar-Regolament, fil-kunsiderazzjoni tal-projbizzjoni li riżorsi ekonomiċi jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-persuna nnominata jew li jingħataw għall-benefiċċju tagħha, jispeċifika li kundizzjoni għall-applikabbiltà ta' din il-projbizzjoni hija li, meta jiġri dan, il-persuna nnominata tkun tista' tikseb "fondi, merkanzija jew servizzi".

95. Fid-dawl tal-għan tal-projbizzjonijiet imposti mir-Regolament, li — kif intwera ftit iktar 'il fuq — huwa dak li jiġi miġġieled

it-terroriżmu internazzjonali permezz tal-kontroll tad-diversi sorsi ta' finanzjament tiegħu, ir-*ratio* ta' dik il-kundizzjoni hija ċara: jekk mill-"assi ta' kull tip, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli" mhux possibbli li jinġabru fondi, oġġetti jew servizzi, il-persuna nnominata ma jkollha xejn x'tuża għall-finijiet terroristiċi u, għalhekk, din id-disponibbiltà ma tirrappreżentawx riżorsi ekonomiċi skont ir-Regolament [35].

96. Huwa veru li l-kuntest ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni ġie interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ċċitata fil-kawża Möllendorf f'termini partikolarment wesgħin [36], kif ġie enfasizzat f'ċerti osservazzjonijiet magħmulin f'din il-kawża; madankollu, f'dik l-okkażjoni, il-ħaġa li kienet is-suġġett tal-kawża prinċipali setgħet titqies "b'mod ċar inkluż fid-definizzjoni tal-kunċett ta' 'riżorsi ekonomiċi' skont l-Artikolu 1(2)", tar-Regolament, billi kienet proprjetà immobbli li setgħet tintuża biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi. Iżda f'dan il-każ ta' quddiemna l-kwistjoni tirrigwarda l-possibbiltà stess li jiġu assimilati oġġetti u servizzi ta' neċessità ewlenija pprovduti mir-rikorrenti lill-konjuġi tiegħu u tar-riżorsi ekonomiċi fis-sens tar-Regolament.

97. Għalhekk, jidhirli li huwa ċar li meta jieħdu ħsieb iħallsu l-kera tal-post mikri għall-abitazzjoni ta' proprjetà immobbli, jew il-korrispettiv għal servizzi domestiċi, ir-rikorrenti ma jipprovdux lill-konjuġi riżorsi ekonomiċi, billi dawn huma vantaġġi li ma jistgħux jiġu użati minnhom biex jiksbu fondi, oġġetti jew servizzi [37]. Imbagħad għal dak li jikkonċerna l-akkwist min-naħa tar-rikorenti ta' oġġetti intiżi għall-użu personali min-naħa tal-konjuġi tagħhom, imma li dawn jistgħu jkunu potenzjalment sfruttati f'sens ekonomiku, nikkunsidra li, fid-dawl tas-somma modesta mogħtija bħala sussidju fil-każ partikolari, li bilkemm hija biżżejjed biex tissodisfa l-bżonnijiet essenzjali ta' familja, xejn ma huwa realistiku li jiġi ipotizzat li dawk l-oġġetti jerġgħu jinbiegħu lill-persuna nnominata biex tieħu minnhom fondi, oġġetti jew servizzi intiżi għall-finanzjament ta' attivitajiet terroristiċi.

98. Għalhekk meta jużaw is-somom irċevuti biex jakkwistaw oġġetti jew servizzi ta' neċessità ewlenija, li minnhom jibbenefika wkoll il-konjuġi, ir-rikorrenti ma jpoġġux għad-dispożizzjoni ta' dawn tal-aħħar riżorsi ekonomiċi u lanqas ma jagħtuhom għall-benefiċċju tagħhom fis-sens indikat mir-Regolament, billi minn dik l-assistenza *in natura* mhux possibbli li jittieħdu fondi, oġġetti jew servizzi li jistgħu jiġu użati għat-twettiq ta' attività terroristika. Għaldaqstant,

35 — F'dan il-kuntest, nirrileva li l-esklużjoni tal-*genus* "riżorsi ekonomiċi" ta' proprjetà li minnha mhux possibbli li jinġiebu fondi, oġġetti jew servizzi veru tidher fir-Regolament, imma mhux fir-Riżoluzzjoni Nru. 1390 (2002) ukoll, li ma tagħmilx din id-distinzjoni u li barra minn hekk ma toffrix, għall-kuntrarju tar-Regolament, l-ebda definizzjoni tat-terminu "riżorsi ekonomiċi".

36 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna14, punt 46.

37 — Ara wkoll, f'dan ir-rigward, "L-aħjar prattiċi tal-UE għall-implementazzjoni effettiva ta' miżuri effettivi" (Dok. 8666/08 tal-21 ta' April 2008), punti 45, 48 u 51.

meta jħallsu lir-rikorrenti somom ta' flus, fil-forma ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza, li mbagħad jintużaw minn dawn tal-aħħar biex jipprovdu wkoll għall-bżonnijiet essenzjali tal-konjuġi, l-awtoritajiet kompetent ma jpoġġux indirettament riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta' dawn tal-aħħar u lanqas ma jiddestinawhom għall-vantaġġ tiegħu fis-sens tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament.

99. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nikkunsidra għalhekk li, meta jħallsu lir-rikorrenti somom ta' flus, fil-forma ta' servizzi soċjali u ta' assistenza, l-awtoritajiet kompetenti ma jaqgħux taħt il-projbizzjonijiet tar-Regolament.

100. Permezz ta' din il-konklużjoni, fil-fehma tiegħi, ma jistax jingħad li interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament li teskludi l-ħlas tas-sussidji inkwistjoni mill-kuntest ta' applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tagħmel superfluwa li tiġi stabbilita fl-Artikolu 2a suċċessiv sistema speċifika derogatorja.

101. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett nirrileva li dan l-Artikolu fejn jgħid, fil-paragrafu 1(a) li fil-projbizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 2 tista' ssir deroga "fuq talba magħmula minn persuna naturali jew legali konċernata" jidher li huwa abbozzat f'termini wesgħin, li għandhom l-għan li jinkludu, fost l-individwi li fuqhom hemm l-obbligu li jiksbu awtorizzazzjoni, mhux biss il-persuna nnominata, li jkollha l-intenzjoni li jkollha aċċess għall-proprjetà ffriżata tagħha, imma wkoll kull terz li jkollu l-intenzjoni li jpoġġi għad-dispożizzjoni ta' persuna nnominata, direttament jew indirettament, fondi u/jew riżorsi ekonomiċi, jew li tal-ewwel jiġu allokati jew tat-tieni intiżi għall-benefiċċju ta' dik il-persuna [38].

102. Premess dan, mhemmx dubju li s-sistema ta' awtorizzazzjoni fl-Artikolu 2a tar-Regolament hija intiża biex tevita li l-fondi jew ir-riżorsi żblokkati jew awtorizzati għall-ħlas tal-ispejjeż elenkati fil-paragrafu (1)(a) ta' dak l-Artikolu jistgħu jittieħdu għal għanijiet terrorisitiċi. B'koerenza ma' dan l-oġġettiv, fil-fehma pieghi għandhom ikunu suġġetti għal din is-sistema unikament it-trasferimenti li jippermettu persuna nnominata li tidħol fid-*disponibbiltà* ta' fondi u/jew riżorsi ekonomiċi u li jiġi deċiż fejn jispiċċaw biex ikopru l-ispejjeż indikati f'dik id-dispożizzjoni. Ir-riskju li jittieħdu dawn il-fondi jew riżorsi jeżisti, fil-fatt, meta dawk il-fondi jew riżorsi jitpoġġew, *direttament jew indirettament*, għad-dispożizzjoni tal-persuna nnominata,

38 — Ara wkoll il-linji gwida għat-talbiet ta' deroga spjegati f'"L-aħjar prattiċi tal-UE għall-implementazzjoni effettiva ta' miżuri effettivi" tal-2008, li jgħidu "persuna jew entità li tixtieq tpoġġi għad-dispożizzjoni ta' persuna jew entità indikata fondi jerw riżorsi ekonomiċi għandha titlob l-awtorizzazzjoni għal dan il-għan" (paragrafu 59) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

u mhux fil-każ meta terz jassumi direttament fuqu l-ispejjeż inkwistjoni.

103. Issa, f'dan il-każ id-disponibbiltà tassomom irċevuti bħala sussidju, kif ukoll il-fakultà li jiġi deċiż fejn jispiċċaw biex ikopru l-ispejjeż domestiċi, *jibqgħu fuq terz*. Ta' min ifakkar ukoll li, minn dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża nazzjonali, huwa aċċettat li ma kien hemm l-ebda trasferiment tassomom inkwistjoni tar-rikorrenti lill-konjuġi tagħhom.

104. Fl-aħħar ma jidhirlix li huwa konvinċenti l-argument li ġie aċċettat fid-deċiżjonijiet mogħtija fl-ewwel istanzi tal-kawża nazzjonali u li adotta r-Renju Unit fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament li tawtorizza terz li jagħmel l-ispejjeż bażiċi ta' persuna mniżżla fil-lista tal-Anness I tar-Regolament, jeħles lil din tal-aħħar mill-oneru li tieħu ħsieb hija stess dawn l-ispejjeż u tippermettilha tgħaddi għall-għanijiet terroristiċi assi li jirnexxielha tikseb b'mezzi oħrajn.

105. Fil-fatt, nistaqsi kif individwu mniżżel f'dik il-lista jista' jsib assi oħrajn peress li l-fondi u/jew riżorsi ekonomiċi tiegħu huma ffriżati skont l-Artikolu 1 tar-Regolament, kif ukoll inkunsiderazzjoni tal-limiti li jagħmel l-Artikolu 2 tiegħu għall-kisba ta' fondi u/jew riżorsi ekonomiċi min-naħa ta' terzi, finnuqqas ta' awtorizzazzjoni speċifika skont l-Artikolu 2a. Il-fatt li terz jieħu responsabbiltà tal-ispejjeż bażiċi ta' dak l-individwu jkollu, għalhekk, effett biss li jneħħi minn fuq dan tal-aħħar l-oneru li jikseb awtorizzazzjoni biex ikollu aċċess għall-fondi u/jew riżorsi ekonomiċi tiegħu stess — dejjem jekk għandu — biex jintużaw ħalli jkopru dawk l-ispejjeż, imma ma jwasslux awtomatikament fil-pożizzjoni li juża l-proprjetà tiegħu, li dejjem hija suġġetta għall-iffriżar, u lanqas li jirċievi fondi u/jew riżorsi ekonomiċi minn terzi intiżi għall finanzjament ta' attivitajiet terroristiċi. Naturalment, ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li jkun hemm aġir eluživ tal-projbizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament, imma dan jista' jiġri irrispettivament mill-fatt li terz iġorr l-ispejjeż inkwistjoni.

106. Barra minn hekk, li dan il-fatt jiġi suġġett għas-sistema ta' awtorizzazzjoni taħt l-Artikolu 2a tar-Regolament ma jirriflettix il-preokkupazzjonijiet li jagħmel ir-Renju Unit. Fil-fatt l-iskop ta' dan l-artikolu huwa proprju li jippermetti persuni mniżżlin fil-lista tal-Anness I tar-Regolament li jiksbu l-mezzi meħtieġa għall-għajxien tagħhom. Għaldaqstant, bl-awtorizzazzjoni jew mingħajrha, l-intervent tat-terz xorta jneħħi

minn fuq il-persuna nnominata l-oneru li jieħu ħsieb personalment l-ispejjeż bażiċi tiegħu biex hija tkun libera li tħalli għal skopijiet terroristiċi riżorsi eventwali miksubin bi ksur tal-projbizzjonijiet tar-Regolament. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni taħt l-Artikolu 2a tar-Regolament ma teskludix lanqas, u lanqas tagħmilha inqas probabbli, l-eventwalità ta' ksur bħal dan, billi hija dispożizzjoni intiża biss li timminimizza r-riskju li jittieħdu l-fondi u/jew riżorsi żblokkati.

107. Kif issemma diversi drabi iktar 'il fuq, dan ir-riskju ma jeżistix fil-każ partikolari, la b'mod astratt, inkunsiderazzjoni taddaqs tas-sussidji inkwistjoni, li huma intiżi biex jipprovdu biss dak li huwa meħtieġ biex jiġu koperti l-bżonnijiet essenzjali tannukleu familjari li għalih jingħataw, u lanqas konkretament, billi huwa aċċettat fil-kawża prinċipali li r-rikorrenti ma jpoġġux għaddispożizzjoni tal-konjiġi tagħhom is-somom irċevuti, imma jagħtuhom biss assistenza *in natura*.

VI — Konklużjoni

108. Fid-dawl tal-kumpless tal-kunsiderazzjonijiet magħmulin, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi d-domanda preliminari magħmula mill-House of Lords fis-sens li l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2008, ma japplikax għall-ħlas ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza statali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, lill-konjuġi ta' persuna mniżżla fil-lista fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, għall-fatt biss li t-tnejn jgħixu flimkien jew li l-konjuġi juża jew jista' juża parti mill-flus għall-ħlas ta' oġġetti u servizzi li ser tuża jew tibbenefika minnhom ukoll il-persuna mniżżla fil-lista msemmija.